MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1848/1995/1

**Anthony Azzopardi**

**vs**

**Rita Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta’ Novembru 1995 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Awissu tal-elf disa’ mija u sebgha u tmenin (1987), fil-Knisja ta’ l-Immakulata Kuncizzjoni f’Ta’ L-Ibragg, St. Andrews;

Illi dan iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null, billi l-kunsens tal-attur u/jew tal-konvenuta kien vizzjat bl-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew billi l-kunsens tal-attur u/jew tal-konvenuta kien marbut ma' kondizzjoni li tirreferi ghall-futur, kif kontemplati fil-**Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi, l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-29 ta' Awissu 1987 huwa null u bla effett legali;

2. Konsegwentement tordna li dina n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li din il-kawza giet prezentata fit-8 ta' Novembru 1995 quddiem l-istess Qorti diversament presejduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano bin-numru Citaz.Nru. 1848/95/VDG.

Rat ir-rikors tal-attur Anthony Azzopardi datat 30 ta' Jannar 1997, a fol. 9, fejn talab bil-qima lil din l-Qorti joghgobha tappunta din il-kawza u tpoggiha fuq il-lista tal-kawzi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano datat 10 ta' Marzu 1997, fejn it-talba giet michuda *stante* li *"mhux possibbli li l-kawza tigi appuntata minhabba l-kalendarju tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-Imhallef sottofirmat"* (fol.9 u 10).

Rat li l-kawza gie appuntata b'digriet ta' l-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 19 ta' Lulju 1997 ghad-9 ta' Ottubru 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Azzopardi, datata 8 ta' Awissu 1997 a fol. 12 tal-process, fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li mhux minnu dak li hemm allegat fic-citazzjoni li kien hemm xi eskluzjoni positiva jew nuqqas ta' kunsens.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Rita Azzopardi w il-lista tax-xhieda a fol. 12 u fol. 13 tal-process.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta datati 9 ta' Ottubru 1997, 25 ta' Novembru 1997 u 5 ta' Marzu 1998, li kollha gew differiti ghan-notifika.

Rat il-verbal quddiem l-istess Qorti hekk presjeduta datat 14 ta' Mejju 1998, fejn Dr. Greta Agius giet nominata bhala Perit Legali.

Rat il-verbal datat 29 ta' Ottubru 1998, fejn il-Perit Legali Dr. Greta Agius infurmat lil Qorti li l-provi qed jingabru.

Rat il-verbali datati 9 ta' Frar 1999, 6 ta' Mejju 1999, 11 ta' Gunju 1999, 25 ta' Ottubru 1999, 22 ta' Marzu 2000 u 16 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita dejjem ghar-rapport.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 2 ta' Frar 2001 (fol.26), fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa seduta halli anke tisma' sommarjament u tista' tiehu konjizzjoni ulterjuri u dana wkoll billi jinstemghu ufficjali tal-Korp tal-Pulizija dwar il-fatti konnessi.

Rat il-verbal datat 13 ta' Frar 2001.

Rat in-nota tal-attur Anthony Azzopardi datata 11 ta' Mejju 2001, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu, u dak ta' Joseph Gauci.

Rat il-verbal datat 15 ta' Gunju 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat il-verbal datat 22 ta' Novembru 2001.

Rat l-avviz datat 17 ta' April 2002, fejn il-Qorti ordnat lil din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat in-nota tal-konvenuta Rita Azzopardi datata 9 ta' Ottubru 2002, a fol. 45, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha.

Rat ir-rikors ta' Dr. Greta Mifsud Agius, datat 9 ta' Ottubru 2002, a fol. 56.

Rat id-digriet datat 10 ta' Ottubru 2002, fejn il-Qorti konfermat l-inkarigu ta' Dr. Greta Mifsud Agius bhala dak ta' Perit Legali.

Rat il-verbal datat 22 ta' Ottubru 2002, fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-konvenuta tat ruhha b'notifikata bl-affidavit prezentati u riservat il-kontro-ezami.

Rat is-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius minn fol. 61 sa fol. 110 datati 21 ta' Ottubru 1998, 13 ta' Marzu 2000, 8 ta' Mejju 2000 fejn dejjem xehed l-attur; tas-16 ta' Novembru 2000 u 5 ta' Lulju 2001 fejn xehed Joseph Gauci u tad-9 ta' Ottubru 2001 fejn l-attur *tramite* d-difensur tieghu ddikjara li ma' ghandu l-ebda provi; tal-14 ta' Mejju 2002, 18 ta' Settembru 2002 u 9 ta' Ottubru 2002 fejn ma' sar xejn; tat-28 ta' Ottubru 2002 fejn xehdet in kontro-ezami l-konvenuta.

Rat in-nota tal- Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius, a fol. 112 tal-process.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Marzu 2003, fejn il- Perit Legali Dr. Greta Mifsud Agius halfet ir-rapport li gie pprezentat minnha fit-3 ta’ Dicembru 2002 minn fol. 114 sa fol. 127 tal-process.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Mejju 2003, fejn Dr. Daniela Chetcuti ghall-konvenuta talbet li taghmel nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghat it-talba u pprefiggiet terminu ta’ hamsin (50) gurnata lill-konvenuta biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollu hamsin (50) biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Frar 2004.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta Rita Azzopardi, datata 28 ta’ Lulju 2003, minn fol. 131 sa fol. 136 tal-process.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Frar 2004, fejn il-Qorti ssospendiet l-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li n-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuta ma gietx notifikata. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghal dan l-iskop u fin-nuqqas tordna l-isfilz tal-istess nota.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur Anthony Azzopardi, datata 24 ta’ Marzu 2004, minn fol. 140 sa fol. 142 tal-process.

Rat il-verbal datat 28 ta’ April 2004, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur jispjega illi hu kien iltaqa’ mal-mara tieghu quddiem il-Qorti, il-Belt. Jispjega illi damu johorgu flimkien ghal erba’ snin. Jghid li l-mara tieghu fiz-zmien li damu

johorgu flimkien kienet imdejqa d-dar ghaliex kienu jqabbduha taghmel hafna facendi fid-dar.

Illi l-istess attur jghid li tul l-gherusija taghhom huwa jghid li hafna mill-hrug taghhom kien jikkonsisti f'li jmorru l-Knisja u l-iktar imorru jiehdu *drink* x'imkien.

Illi huwa jixhed li meta ddecidew li jizzewgu, l-mara tieghu kienet qaltlu li kien hemm dar ghall-bejgh il-Marsa u hu kien xtraha minn flusu peress illi l-mara tieghu ma kinitx tahdem.

Illi jistqarr illi hafna mill-ghamara li kellhom fid-dar kien xtraha hu u omm il-mara kienet xtrat bicctejn ghamara. L-attur jiddikjara illi z-zwieg taghhom kien zwieg pjuttost zghir u minghajr entuzjazmu. Jispjega li martu; il-konvenuta qatt ma kienet tiddiskuti z-zwieg mieghu.

Illi l-attur jispjega kif bhala kundizzjoni fiz-zwieg taghhom kienu xtaqu li ma riedux tfal u kienu qablu t-tnejn. Kien hemm xi zmien meta l-konvenuta kienet fil-fatt telqet lill-attur ghax kellha dina l-biza li jkollhom it-tfal la darba jizzewgu. Pero' l-attur jispjega wkoll illi wara li rrangaw u rritornaw lura flimkien, kien qallha li hu ma riedx tfal u hi kienet irrispondietu li issa zgur kienet ser tizzewgu.

Illi l-attur jiddikjara li hu qatt ma xtaq tfal ghaliex hu kien bghata finanzjarjament fil-familja tieghu u ma xtaqx li t-tfal tieghu jsoffru bl-istess mod. Kien ghalhekk fil-fatt meta beda jipprepara ghaz-zwieg li hu ma tghax importanza lit-tfal u xtara post u iddejjen u l-post li xtara kien post pjuttost zghir ghall-familja.

Illi l-attur jistqarr li hu qatt ma kien heba din ix-xewqa tieghu, lanqas mill-mara u sahansitra lanqas mill-familjari tieghu. Madanakollu, ghalkemm ma tantx kien wiehed tal-Knisja kien beda jattendi regolarment il-Knisja mal-konvenuta, kif ukoll kien attenda maghha ghall-kors ta' Kana u kien jghid ir-ruzarju maghha.

Illi l-attur jispjega wkoll kif qabel ma zzewgu qatt ma kellhom relazzjonijiet sesswali. La darba jizzewgu l-attur

kien ippjana li juza l-"*withdrawal method"* izda l-konvenuta kienet irrifjutat. Mill-ghada tat-tieg il-konvenuta kienet bdiet tghidlu li xtaqet annullament. Sar jaf imbaghad li ftit granet qabel iz-zwieg l-konvenuta kienet tkellmet ma' certu Melita Gauci u kienet qaltilha li kienet qed tiddubita jekk ghandhiex tizzewweg jew le. Kien biss wara xahar li zzewgu li kkunsmaw iz-zwieg taghhom. Wara xahar li kienu ilhom mizzewgin kienu marru ghand "*counsellor"* ta' Kana sabiex jitkellmu fuq is-"*safe period"*. Kien hawn imbaghad li ddecidew li juzaw is-"*safe period"*, izda hu xorta wahda kien juza wkoll il-"*withdrawal method"* u dan sabiex ikun cert li l-konvenuta ma tinqabadx tqila. Kien pero' xahar wara li kellhom l-ewwel relazzjonijiet intimi. Madanakollu, dawn ir-relazzjonijiet kienu rari, bejn darbtejn u tlett darbiet f'xahar.

Illi l-attur imbaghad jippreciza li fl-ewwel xahar taz-zwieg taghhom ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom u dan minhabba l-biza li kellha l-konvenuta. L-attur jistqarr illi hu kien isibha difficli biex ma jkollux relazzjonjiet intimi ma' martu minkejja li ma riedux tfal, izda hi kienet indifferenti u bdiet tostakolah. Kien jidher li kull ma riedet kien kumpanija.

Illi l-attur jistqarr li t-tifel taghhom Daniel twieled bi zball u dan it-tifel kien twieled tlett snin wara li kienu zzewgu. Jispjega wkoll li meta twieled it-tifel ir-relazzjoni bejnu w il-konvenuta kienet hazina hafna, ghalkemm kienet diga' hazina qabel ma' twieled. Minn dak iz-zmien l-attur jistqarr li hu beda juza' l-"*withdrawal method"*, kif ukoll kontracettiv.

Illi l-attur jispjega illi l-mara tieghu qatt ma hadmet u kien jmantniha. Jghid li kien jghaddilha tlett kwarti mill-paga, izda ma kinitx tghidlu x'kienet taghmel bihom ghaliex kienet tonfoq kollox f'salt. Jistqarr illi l-mara tieghu kienet tippretendi li ghandu joqoghod id-dar u jaghmel il-facendi. Il-konvenuta qatt ma kienet taghmel facendi fid-dar u l-attur jispjega kif hu kien ikollu isajjar, u jiehu hsieb il-bzonnijiet ta' kuljum, kif ukoll inaddaf. Il-konvenuta bdiet issajjar biss meta twieled it-tifel, izda kienet issajjar ghaliha biss.

Illi l-attur jghid li l-konvenuta kienet titrattah bhala tifel, tghajjat mieghu, tikkmandah u sahansitra kien hemm drabi meta anki reffghet idejha fuqu. Imbaghad, fl-istess hin kienet tohrog tghajjat li hu kien qed isawwatha meta fil-fatt kien ikunu barra hu stess.

Illi l-attur jispjega li martu kienet tmur ghand tabib ghaliex kienet tbati minn ugigh ta’ ras u li gieli sabilha medicini fuqha li ma kienux aspirina. Kien hemm xi haga li ma kinitx normali fil-mara tieghu u kienet taghmel granet fis-sodda.

Illi ghalkemm l-konvenuta kienet taghmel dawn ix-xenati qabel ma twieled it-tifel dawn saru aktar regolari wara li twieled. L-attur jispjega kif martu kienet bdiet tirrejagixxi b’mod aktar aggressiv. F’okkazzjoni wahda kienet qabdet u harget tghajjat f’nofs tat-triq u kienet wadbet it-tarbija hemm. Kienet bdiet tghajjat lin-nies biex ighinunha tiehu hsieb it-tifel ghaliex hu ma kienx ighinha. Fil-fatt, il-gara kienet hadet hsieb it-tarbija ghal gurnata shiha.

Illi kien hemm okkazzjoni ohra, meta l-genituri tal-attur kienu gew ghandhom u gabu rigal ghall-minuri. Ir-rejazzjoni taghha kienet tali li bdiet tghajjar lilu u lill-familja tieghu u li kienu nies li ma kienux imorru quddies u Knisja. F’okkazzjoni ohra, il-konvenuta kienet dahlet lill-minuri l-*Creche’* ghax qalet li kienet miftuqa, izda rrizulta li ma kienx minnu. It-tifel kien dam xi gimgha hemmhekk. L-attur jistqarr illi l-konvenuta ma kinitx taghti kaz il-minuri u meta kien jigi lura mix-xoghol kien isibu mahmug jew bil-guh.

Illi l-attur jispjega li martu kienet ukoll possessiva hafna mieghu tant li kienet tevita li jkollu kuntatt mal-familja tieghu, kif ukoll kienet issakkru barra jekk kemm-il darba kien jittardja. L-attur jkompli jispjega kif minhabba dan l-atteggjament stramb tal-mara tieghu kien beda jevitaha u ghalhekk iz-zwieg taghhom gie qisu li kienu qed jghixu separati taht l-istess saqaf.

Illi x-xhud, **Joseph Gauci** jispjega illi hu kien gar ta' Anthony u Rita Azzopardi. Jispjega li ma tantx kien jaf lill-attur u kienu biss issellmu lil xulxin. Minn naha l-ohra lil Rita kien jafha ghaliex kienet habiba tat-tifla tieghu.

Illi huwa jallega kif darba wahda l-konvenuta kienet marret mieghu u mal-familja tieghu gol-post tal-villegjatura taghhom l-Armier. Dakinhar kien hemm it-tifla tieghu prezenti wkoll. Ix-xhud jistqarr li dakinhar ma tantx kien impressjona ruhu b'din Rita, anzi pjuttost kien ha impressjoni hazina taghha. Jispjega kif f'hin minnhom meta kienu hemm, hi u bintu flimkien ma' persuna ohra, l-konvenuta ghamlitha ta' bir-ruhha li ser twelled tarbija. Ix-xhud jispjega li hu kien fil-kcina u kienet indunat li kien ra x-xena.

Illi f'dik il-gurnata, x-xhud jispjega kif hu kien ikkumenta ma' martu li ma xtaqx lill-bintu tkompli tiffrekwenta lill-konvenuta. Ix-xhud jistqarr li f'xi zmien sar jaf li Rita kienet isseparat minn mar-ragel taghha minghand il-mara tieghu li kienet tkanta ma' Rita fil-kor u kien beda jiltaqa' maghha ta' sikwit. Xi kultant tant kienu jiltaqghu b'kumbinazzjoni li x-xhud osserva li x'aktarx kienet isegwih.

Illi x-xhud jghid li hu ma tantx kien jibqa' lura meta bdiet turih hafna kunfidenzi ghaliex jammetti li f'dan il-perjodu kien beda jingibed lejha. Darba minnhom, Rita kienet talbet lill-mara tax-xhud sabiex imur jirrangalha il-gyzer. Ix-xhud jistqarr li f'dak il-perjodu kellu hafna inkwiet mal-mara tieghu ghaliex kienet bdiet tissusspetta hazin f'Rita u insistiet li tmur mieghu ghand Rita u hekk fil-fatt kien gara.

Illi dejjem skond dan ix-xhud fl-ahhar huwa l-konvenuta ddecidew li jiltaqghu sabiex imorru jiehdu *drink* u kienu jikkomunikaw permezz ta' kodici li kien jirrapprezenta n-numru tat-telephone taghha. Dan kienet taghmlu peress li kien hemm it-tifel taghha ma' genbhom. Kienu fil-fatt ltaqghu xi gimgha wara. Ix-xhud jispjega illi huma bdew ir-relazzjoni taghhom billi johorgu bil-karozza tieghu, jew jiltaqghu fuq il-bus. Wara xahrejn kien imbaghad beda jidhol id-dar ghandha u kien dam daqshekk minhabba li kienu jibzghu li jarahom xi hadd.

Illi l-istess xhud jkompli jispjega kif darba minnhom kien mar ghand il-konvenuta u kien fetah il-bieb it-tifel taghha. Kien hadu sa’ fuq, fil-kamra tal-banju u kien sab il-konvenuta gharwiena qed tinhasel. Ix-xhud jistqarr li hu kien ghamel ghaliha ghaliex ma kienx lat li tidher hekk quddiem it-tifel taghha. Jikkonferma li dakinhar kienet qaltlu li it-tifel taghha kien dejjem joqoghod hdejha waqt li tkun qed tinhasel.

Ix-xhud jispjega li beda jinduna li l-konvenuta gieli kienet tirrejagixxi b’mod stramb. Jispjega illi meta beda jidhol ghandha diga’ kienet ghaddejja mill-proceduri ta’ separazzjoni minn ma’ zewgha u wahda mid-drabi li nzerta kien ghandha hi u t-tifel kienu bdew jqattghu r-ritratti tat-tieg u jobzqu kull fejn l-attur kien jidher fir-ritratti.

Illi l-istess xhud jghid li ghal erba’ xhur shah ir-relazzjoni taghhom isserjat u kien beda jorqod hemm ghal ftit sieghat u kienu saru qishom familja wahda. Il-konvenuta kienet bdiet tinsisti li l-minuri ghandu jghajjatlu “papa,” izda x-xhud jistqarr li hu ma riedx minhabba li kien jibza’ b’dak li setghu jghidu n-nies.

Ix-xhud jkompli jistqarr li tul din ir-relazzjoni beda jinduna li kien hemm xi haga stramba fir-relazzjoni bejn it-tifel u l-omm u cioe’ l-konvenuta. Induna li t-tifel kien beda jghir ghal ommu kull meta kien jghannaqha jew inkella meta kien imissha. It-tifel kien jibda jirrabbja u kien ukoll kien jaqbad inehhi idejn il-konvenuta.

Ikompli jispjega li ghalih ir-relazzjoni bejn l-omm u t-tifel ma kinitx wahda normali u dan meta sabiex tfissed it-tifel kien ipoggi fuq ommu u jaghmel mossi sesswali u sahansitra l-minuri kien jasal sabiex “icappas il-qalziet”. F’dak iz-zmien ix-xhud jikkonferma li l-minuri kellu tmien snin.

Illi x-xhud jispjega li wara li beda jinduna b’dan l-atteggjament stramb kien iddecieda li jittronka din ir-relazzjoni. Jiddikjara li kien hemm okkazzjonijiet li l-konvenuta kienet taghtih il-kalmanti sabiex joqtol lill-martu

bihom, izda dan hu qatt m'ghamlu. Huwa jsostni li aktar beda jikkonvinci ruhu li kien hemm xi haga mhux normali meta l-konvenuta kienet qaltlu li kellha ugiegh f'darha u dan kien minhabba li r-ragel taghha kien jinsisti li jkollhom relazzjonjiet abnormali. Pero', b'danakollu, x-xhud jistqarr illi sar jaf minghand l-attur illi dan l-ugigh ma kellu x'jaqsam xejn ma dak li kienet allegat il-mara, izda kien ir-rizultat ta' wara li welldet it-tarbija ghax kellha l-morliti.

Ix-xhud jiddikjara illi l-konvenuta kienet qaltlu li meta zzewget lill-attur kellhom kundizzjoni li ma riedux tfal. Kienet qaltlu wkoll li kienet izzewgitu sabiex ikollha kumpanija ghaliex kienet imdejqa d-dar.

Illi min-naha taghha l-konvenuta tispjega kif hi u l-attur kienu ltaqghu meta hu kellu tmintax-il (18) sena u hija kienet ser taghlaq tlettin (30) sena.  Il-konvenuta tispjega li minhabba d-differenza ta' eta' li kien hemm bejniethom, il-genituri tal-konvenut ma tantx kienu favur din ir-relazzjoni. L-attur minn naha l-ohra kien deciz li ried jizzewweg lill-konvenuta, tant li meta sahansitra Dun Louis, li kien jahdem ma' Kana, kien issuggerixxa li ma jizzewgux minhabba d-differenza ta' eta', l-attur kien irrispondieh li hu kien ihobb in-nisa kbar u maturi u d-differenza fl-eta' ma tantx kienet taghmel differenza ghalih. Fil-fatt tikkonferma li damu johorgu flimkien ghal erba' (4) snin u kienu hassru darba wahda biss.

Illi ghaz-zwieg l-attur kien xtara post il-Marsa u kien issellef mill-bank. Il-konvenuta tispjega illi hi kienet halliet kollox f'idejh u kienet kuntenta b'dan il-post ghaliex kien vicin t'ommha. Hija tkompli tispjega illi huma zzewgu fid-29 ta' Awissu, 1987. Sitt xhur wara kellha taghmel operazzjoni f'saqajha u ghalhekk ma setghetx tohrog tqila. Tispjega wkoll illi sakemm irkuprat minn din l-operazzjoni xorta ma xtaqitx li jkollhom it-tfal.  Kellhom l-ewwel tifel Daniel tlett (3) snin wara li zzewgu.

Illi l-konvenuta tistqarr illi hija bdiet isegwi *chart* bit-temperatura sabiex tkun taf meta kienet l-aktar fertili u dan sabiex tkun tista tinqabad tqila. Il-konvenuta tkompli tistqarr illi meta kienet qalet lill-attur li kienet harget tqila

hu kien irrabbja u riedha tehles mit-tarbija. Hi spjegat ukoll illi kien qalilha li jekk kienet bi hsiebha jzzomm it-tarbija hu ma kien ser jaghmel xejn. Daniel twieled fis-17 ta' Dicembru, 1990.

Illi l-konvenuta tistqarr li wara seba' (7) snin miz-zwieg l-attur beda jbiddel il-kompartament tieghu. Kien beda jibqa' barra sat-tard. Kien ighidilha li kien qieghed ix-xoghol meta ma kienx minnu. Kien imbaghad sa' fl-ahhar ammetta illi hu kellu relazzjoni ma' tfajla li kienet hames snin izghar minnu u kien sahansitra urieha ritratt taghha. Kien b'konsegwenza ta' dawn il-grajjiet illi hi u l-attur isseparaw fil-31 ta' Jannar, 1996.

Illi l-konvenuta tghid li m' huwiex minnu li hi ma xtaqitx tfal u li kienet izzewget biss ghall-kumpanija u ghaliex kienet imdejqa d-dar tal-genituri taghha. Anzi, tistqarr illi hi kellha relazzjoni tajba hafna mal-genituri taghha, tant li kienet ferhana ser ttir meta xtraw il-post fil-vicinanzi taghhom. Hi tistqarr li kienet konvinta li kien id-destin li kellha tizzewweg lil Anthony ghaliex kollox kien miexi skond kif dejjem xtaqet.

Illi b'referenza ghall-incident li semma' l-attur, meta l-konvenuta kienet harget f'nofs tat-triq sabiex xi hadd jiehu hsieb it-tarbija, tispjega illi hi kienet giet imsawtha mill-attur dakinhar u ma kinitx f'posizzjoni li tiehu hsieb it-tarbija. Kien ghalhekk li gara harget u ghinitha u zammet lill-minuri ghal gurnata.

Illi l-konvenuta tkompli tispjega illi hi kienet taghmel kollox wahedha u l-attur ma kienx ihalliha tmur ghanda ommha u ghalhekk spiccat biex kellha *depression*. L-attur kien insista maghha li t-tifel jiehduh il-Creche`, f'Tas-Sliema ghaliex ma kinitx fi stat li tiehu hsieb it-tarbija. Wara tlett ijiem, pero' l-konvenuta tikkonferma illi kienet gabet il-minuri lura d-dar ghax hasset illi ma kienux qed jiehdu hsiebu.

Illi l-konvenuta tispjega illi hi minn dejjem riedet familja maghquda u ghalhekk kienet taghmel minn kollox sabiex tiehu hsieb il-minuri u minn dejjem hadet hsieb id-dar. In

kontro-ezami, l-konvenuta tghid li l-harga taghha u tal-attur tul iz-zmien li damu johorgu flimkien kienet sal-Knisja u passiggata.  Tistqarr illi l-attur kien mghaggel sabiex jizzewweg ghaliex ried jitlaq mid-dar tal-ġenituri tieghu u minn naha l-ohra tghid li hi ma kelliex ghagla.  Fil-fatt, tghid li ommha kienet inhassdet meta kienet qaltilha li kienu ser jizzewgu.

Illi l-konvenuta tghid li meta kienu xtraw il-post il-Marsa, hi ma kienet taghmel xejn ghaliex Anthony kien kapaci jaghmel xoghol tajjeb. Tispjega wkoll li qatt ma hadmet ghaliex ommha qatt ma rieditha tahdem.  Tghid ukoll illi l-attur ma ridix tahdem ukoll. Hija tghid ukoll illi qabel ma' ltaqghet mal-attur kellha xi gunintur ohra, izda l-hrug taghha kien jikkonsisti fl-Azzjoni Kattolika biss. Hija tghid li minkejja li kienet taghmel facendi d-dar t'ommha qabel ma zzewget, meta zzewget hasset li la darba l-attur kien jaf issajjar, kien ahjar jekk thalli f'idejh.

Illi l-konvenuta tikkonferma li qabel ma zzewgu kienu marru jkellmu lil Fr.Louis Camilleri ghand ta' Kana li kien issuggerixxa li ma jizzewgux minhabba d-differenza fl-eta'. Hija tghid li l-problemi sesswali fiz-zwieg taghhom, li kienu naturali. Hi kellha problema tal-*bunion* f'saqajja u ghalhekk kellha taghmel zewg interventi u minhabba f'hekk evitat li jkollha t-tfal.  Fil-fatt kienu marru ghand ta' Kana sabiex jispjegawlhom kif tahdem is-sistema ta' "*natural family planning*."  Tistqarr illi kienu marru ghand ta' Kana ghaliex hasbet li peress li r-ragel kien izghar, ma kienx jaf ezatt x'ghandu jaghmel.  Tul dan il-perjodu kienet isegwi il-*"natural family planning"* u timxi skond il-*graph.* Imbaghad meta ghaddew dawn l-interventi, tispjega li hi u l-attur kienu ippjanaw li jkollhom tarbija u bdew xorta jsegwu in-"*natural graph*." Rigward il-kontracettivi l-konvenuta tispjega li kienu bdew juzawhom biss wara li twieled it-tifel taghhom.

Illi l-konvenuta tispjega wkoll li hi kellha d-dubbji taghha qabel iz-zwieg u kienet tkellmet ma' gharajjes ohra li kienu serhulha mohha li din kienet haga normali.  Tispjega wkoll li l-prewkupazzjoni taghha kienet li jekk wara z-zwieg kinitx ser tkun kuntenta. Il-konvenuta tispjega kif ir-ragel

taghha kien ha hsieb il-preparamenti tat-tieg, liema tieg kien zghir hafna. Kien inzamm fil-villa t'ohtha.

Il-konvenuta tistqarr li meta twieled it-tifel kienet thossha ghajjiena hafna. Kienet ukoll tghija hafna qabel ma kienet harget tqila u dan specjalment fiz-zmien meta tkun qed tistenna l-period. Minhabba din l-ghajja kienet hadet it-tifel il-*Creche*`, u hallietu hemm ghat-tlett ijiem. Qalet ukoll illi haditu ghaliex ir-ragel ma kienx jaghti kasu. Il-konvenuta tispjega illi ir-ragel kien issuggerixxa li jkollhom it-tfal u tghid li bhala mara kellha taccetta.

Illi fl-ahharnett l-konvenuta tghid li l-attur ma kienx ighinha w imbaghad tispjega illi huma kienu jmorru jaghmlu x-xirja flimkien u t-tnejn kienu jahslu d-dar.

## <u>ii) Principji Legali.</u>

Illi l-attur qed jattakka dan iz-zwieg *ai termini* tal-**Artikoli 19 (1) (f) u 19 (1) (g).**

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jikkontempla illi l-kunsens ghaz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.

Illi min-naha l-ohra l-**artikolu 19 (1) (g)** jikkontempla li l-kunsens kien ivvizjat minhabba li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat peress li kien marbut ma' kundizzjoni li kien jirreferi ghall-futur.

Illi l-bazi tal-interpretazzjoni tal-**artikolu 19 (1) (f)** jikkontempla n-nullita' taz-zwieg, jekk, fil-mument tal-kunsens, wiehed mill-partijiet eskluda z-zwieg kompletament – "*total simulation"* kif inhi ahjar maghrufa, jew altrimenti eskluda "l-elementi essenzjali taz-zwieg" u cioe' "*partial simulation*."

Illi huwa llum stabbilit illi "l-elementi essenzjali ghaz-zwieg" huma l-unjoni wahda permanenti bejn ragel wiehed u mara wahda (*bonus fidei*), unjoni immirata lejn il-prokreazzjoni u l-edukazzjoni tal-ulied *(bonus prolis)*, kif ukoll unjoni li ghandha bhala l-iskop ewlieni taghha il-kommunjoni tal-hajja *(bonus vitae)*.

Illi ghalhekk per konsegwenza, jekk il-kunsens ta' xi wiehed mill-partijiet li ccelebra z-zwieg ikun marbut b'kundizzjoni illi jigu eskluzi t-tfal, essenzjalment dik il-parti qed taghti kunsens vizzjat, kunsens li jeskludi wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi l-gurisprudenza nostrali ssegwi din il-linja ta' interpretazzjoni ripetutament. Fil-kaz "**Zammit vs Zammit"** (P. A. Q. C. 14 ta' Marzu 1986) gie stabbilit li la darba l-konvenut kien ta l-kunsens tieghu bil-kundizzjoni li, sakemm l-attrici ma tbiddilix il-karattru taghha ma xtaqx tfal, il-kunsens tieghu kien vizzjat. Din il-Qorti kkonfermat ghal darb'ohra li l-prokreazzjoni tat-tfal hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg u l-eskluzzjoni taghhom bhala kundizzjoni ghal kunsens fiz-zwieg iwassal ghal kunsens ivvizzjat minhabba li huwa kunsens bbazat fuq simulazzjoni. Ghalhekk il-Qorti sabet illi z-zwieg bejn il-kontendenti kien null ghaliex il-konvenut kien dahal fiz-zwieg bil-kundizzjoni tal-eskluzzjoni tat-tfal, jekk l-attrici ma tbiddilix il-karattru taghha.

Illi l-istess gie enuncjat fil-kaz "**Zahra vs Zahra"** (P.A. Q. C 4 ta' Mejju 1993) fejn inghad li:-

*"….illi skond il-gurisprudenza taghna hija konsiderata bhala wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*

Illi fil-kaz **"Maria Victoria vs Anthony Spiteri"** (App.Civ. 14 ta' Dicembru1994) l-Onorabbli Qorti tal-Appell Civili rrimarkat illi:-

*"Illi ma hemmx dubbju illi l-eskluzzjoni tal-ulied hija n-negazzjoni tal-kuncett taz-zwieg kif inhu komunament maghruf u accettat fil-hajja nisranija taghna u meta dan*

*gie ppruvat sodisfacentement il-Qrati ma hasbuhiex darbtejn biex annullaw iz-zwieg."*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** ***Paolo Bianchi*** fi-trattat tieghu **"Il Pastore d'Anime e la Nullita' del Matrimonio XII. Il Consenso Condizionato,"** jittenta jaghti definizzjoni tal-kelma "kundizzjoni":-

*" E' chiaro che, nel contesto in cui ci si trova, tale concetto va compreso in riferimento al consenso coniugale, che costituisce l'essenza, ovvero la "causa efficiente" del patto matrimoniale. In tale contesto, per "condizione" deve intendersi la correlazione del consenso a una determinata circostanza (futura e incerta), dalla cui sussistenza o meno chi presta il consenso intende far dipendere l'efficacia giuridica di esso: o sospendendo detta efficacia sul piano dei rapporti giuridici fino all'accertamento del verificarsi di quella circostanza, ovvero intendendo farla venir meno in correlazione all'accertamento di quel medesimo verificarsi."*

Illi l-istess awtur jkompli jispjega kundizzjoni bhala "*l'aspetto piu' tipico e piu' proprio del fenomeno della condizione e' il nesso che viene dal soggetto che la pone istituito fra l'oggetto della condizione medesima (la circostanza determinata che si vuole o non si vuole) e il consenso matrimoniale, sotto lo specifico profilo della sua efficacia. E' un nesso strettissimo, per cui - esprimendo la cosa in modo figurato – si puo' dire che "tocchi" il consenso, "entri" nel consenso. Questo sussiste come atto della volonta' del soggetto e come tale non puo' essere annullato, cancellato (secondo il ragionevole principio classico per cui factum infectum fieri nequit), tuttavia il soggetto intende per cosi' dire "bloccarne" l'efficacia, la produzione dei suoi effetti propri, ovvero "interrompere" tale produzione in rapporto al verificarsi o meno della circostanza che si e' "legata" appunto in forma condizionata al consenso."*

Illi l-kundizzjoni wkoll trid tkun *de futuro,* incerta u sospensiva.

## iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi fl-ewwel lok jinghad li anke kieku l-partijiet ikunu qed jaqblu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm presunzjoni legali wkoll favur il-validita' taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku.

Illi dan ukoll ghaliex jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma' tkunx aktar possibbli, u wkoll meta parti jew ohra tkun qed tghix ma' persuna, izda f'kazi bhal dawn il-Qorti ma' tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987.

Illi l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' fatti esposti tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda abbazi tar-rekwiziti legali stabiliti mill-ligi u f'dan is-sens wiehed jirreferi gha-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Citaz. Numru 27/1999).

Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghall-separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghal annullament taz-zwieg; ta' l-ewwel jirreferu ghal zwieg vaildu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta' kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura rrendi l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett. Dwar il-grad ta' prova necessarja din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **"Mari Victoria Spiteri vs Anthony Spiteri"** (A.C. 14 ta' Dicembru 1994).

Illi kif inghad jirrizulta li l-attur qed jallega li z-zwieg tieghu huwa null peress li qed isostni li l-kunsens tieghu jew tal-konvenuta kien vizzjat peress li eskluda *a priori* l-elementi essenzjali taz-zwieg. Dan huwa ghal kollox michud mill-konvenuta. Fil-fatt l-attur jibbazza din il-premessa tieghu fuq l-allegazzjoni li huwa mill-ewwel eskluda li jkollu tfal mir-relazzjoni u z-zwieg tieghu mal-konvenuta, u bhala sostenn ghal dan jghid li l-mara tieghu kellha eta' ikbar minnu sew, u li damu ma' jkollhom tfal, u wkoll li l-istess konvenuta kienet qablet mieghu dwar dan.

Illi dwar dan il-Qorti tinnota li fic-citazzjoni tieghu  stess l-istess attur ghandu dubju jekk il-kunsens tal-konvenuta wkoll kienx vizzjat minkejja l-fatt li huwa qed isostni li l-konvenuta kienet qablet mieghu li ma' jkollhomx tfal miz-zwieg. Dan ghaliex bil-mod kif inhi redatta c-citazzjoni attrici juri li hemm dubju jekk il-kunsens tieghu *"u/jew"* tal-konvenuta huwiex vizzjat. Dan huwa sinifikanti meta wiehed jikkonsidra li t-tezi tal-attur fix-xhieda tieghu hija li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti ta' esklussjoni ta' prokreazzjoni tal-ulied fiz-zwieg ta' bejniethom. Illi t-tezi tal-attur pero' issofri daqqa ta' harta ohra meta wiehed ihares lejn in-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu u jinnota li din id-darba fl-istess nota jghid li l-kunsens tieghu kien hekk vizzjat.

Illi apparti dan kollu din il-Qorti thoss li meta wiehed ihares lejn ix-xhieda kollha prodotta, hija assultament ma' taqilx mal-konkluzzjonijiet tal-perit legali, *stante* li dak li fil-fatt jirrizulta mill-provi huwa li l-konvenuta opponiet lill-attur u kkontrastu, fl-opinjoni tal-Qorti b'success ghal kull allegazzjoni tieghu. Fuq kollox jirrizulta li l-istess partijiet kellhom relazzjonijiet bejniethom u sahansitra kellhom wild. Veru l-attur jghid li dan kien zball, izda hawn ma' huwiex kredibbli meta tqis li tant kien skond huwa insistenti li ma' jkollhux tfal. Dwar r-ragunijiet l-ohra ghaliex il-partijiet ezercitaw *birth control*  waqt iz-zwieg taghhom l-ispjegazzjonijiet tal-konvenuta huma altru milli konvincenti, u ghall-interpretazzjoni tal-fatti din il-Qorti taqbel mal-mod kif dawn gew spjegati mill-konvenuta

kemm fix-xhieda taghha u kemm fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha.

Illi dwar ix-xhieda ta' Joseph Gauci din assulutament ma' hija bl'ebda mod kredibbli u fil-verita' hafna minnha hija rrelevanti ghat-tezi attrici ta' annullament u fil-fatt hija intenzjonata biss sabiex tingurja lill-konvenuta – ovvjament jidher li l-istess xhud kien miftiehem mal-attur sabiex jaghmel dan u din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha bejn l-istess partijiet fl-ismijiet **"Anthony Azzopardi vs Rita Azzopardi"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2003) dwar il-kredibilita' ta' dan ix-xhud u wkoll tal-attur.

Illi din il-Qorti thoss li mhux biss l-attur naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, izda gie ppruvat li z-zwieg kien validu u fuq kollox il-kunsens tal-attur inghata b'mod serju u konvint tant li minkejja d-differenza fl-eta', u minkejja anke li kien hemm min ipprova jiddiswadieh milli jizzewweg lill-konvenuta,  huwa kien konvint dwar dan u zzewweg kif ried huwa u validament il-konvenuta – u jidher li f'dan l-ezami li huwa ghamel huwa fehem l-elementi essenzjali taz-zwieg u assogetta ruhhu ghalihom – dan qed jinghad ghaliex fin-nota ta' osservazzjonijiet jidher li l-attur ma' kienx qed jirrferi biss ghall-artikoli tal-ligi citati minnu fic-citazzjoni attrici, izda anke ghall-**artikolu 19 (1) (d),** specjalment meta jghid li *"ma jistax jinghad li b'daqshekk kien kapaci jifforma kunsens tajjeb biex jivvalida z-zwieg…."*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba attrici abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** ma gietx ippruvata, anzi gie ppruvat proprju li l-kunsens tal-kontendenti nghata validament ghal dan iz-zwieg, u dan iz-zwieg sfaxxa minhabba li l-attur ghandu relazzjoni extra-maritali u allura huwa llum konvenjenti li jaghmel din it-talba. Izda din qatt ma' tista' tkun bazi ghal talba ta' annullament taz-zwieg.

Illi dwar **l-artikolu 19 (1) (g)** citat mill-attur, fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm prova assulutament ta' xejn, u ghalhekk it-talba attrici ghandha u qed tigi respinta, *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------